**Stqarrija ghall-Media Kollha**

**Suggett**: **Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita') fil-Prattika**
**Minn**: Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'
**Data:** 29 ta' Marzu 2006

---

## MINISTERU TAS-SAHHA

### *Sptar San Luqa*

Il-Kummissjoni ghandha l-pjacir thabbar li lahqet ftehim mal-Ministeru tas-Sahha biex persuni b'dizabilita jkollhom accessibilita ahjar fl-Isptar San Luqa.

F'Gunju 2005, il-Kummissjoni fethet kawza kontra l-istess Ministeru biex ikun hemm facilitajiet sanitarji accessibbli ghal kulhadd fid-Dipartiment tal-Outpatient u tal-Emergenza fl-isptar San Luqa. Minkejja diversi trattativi dawn baqghu ma sarux. Il-Kummissjoni u l-Awtoritajiet tal-Isptar regghu fethu diskussjonijiet u b'sodisfazzjon inhabbru li ntlahaq il-ftehim mixtieq.

### *Centru tas-Sahha - Gzira*

Sfortunatament ma kien hemm l-ebda zvilupp rigward l-accessibilita ghac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u ghalhekk il-Kummissjoni se tkompli b'din il-parti tal-kawza.

## GHAWDEX

Il-Kummissjoni ukoll ipprezentat zewg protesti gudizzjarji fil-Qorti ta' Ghawdex kontra l-Lukanda Calypso u r-Restaurant Latini, it-tnejn f'Marsalforn Ghawdex.

Rigward il-lukanda Calypso, il-Kummissjoni fl-2002 irceviet pjanti ghal xoghol strutturali ta' din il-Lukanda li kienu konformi mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni rigward l-accessibilita ghal kulhadd. Sfortunatament, dawn il-pjanti ma gewx segwiti bir-rizultat li din il-Lukanda mhix accessibbli ghal kulhadd. Minkejja trattattivi twal biex ikun hemm soluzzjoni ragonevoli, dan il-ftehim baqa' ma ntlahaqx u ghalhekk il-Kummissjoni kellha ta' bil-fors taghmel dan il-protest gudizzjarju. Skond il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita').

Ir-restaurant Latini meta fetah fl-2004 ghamel l-arrangamenti necessarji biex ikun konformi mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni rigward l-Accessibilita ghal Kulhadd . Dan kien jinkludi rampa ghall-entratura. Sfortunatament, il-management nehha din ir-rampa. Minkejja diversi trattattivi, il-management baqa' ma jridx jirranga din is-sitwazzjoni. Ghalhekk il-Kummissjoni ma kellha l-ebda triq ghajr li tipprezenta protest guddizjarju skond il-Ligi.

-ghan ta’ dawn il-protesti hu li l-Kummissjoni taghmel tentattiv iehor biex jintlahaq ftehim barra l-Qorti. Jekk dan jibqa’ ma jintlahaqx il-Kummissjoni ma jkollha l-ebda triq ohra ghajr li tiftah kawza.

Il-Kummissjoni terga' ssostni li hi tirrikorri ghall-Qorti bhala l-ahhar mizura u temmen u tahdem biex kemm jista' jkun dawn il-problemi u r-rizultat taghhom, jigifieri d-diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita', jigu eliminati bid-diskussjoni u l-perswazzjoni.

| | |
|---|---|
| Fred Bezzina | Joseph M. Camilleri |
| Direttur-Ezekuttiv | Chair |